**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM, 30 TA' MARZU, 2021**

**Kawza Numru: 4**

**Rik. Ġur. 1028/2019 RGM**

**(1) William Grech (I.D. 318963M) f'ismu proprju u bhala mandatarju specjali ta' hutu msefrin:**

**(2) Francis Grech (imwieled Qormi fis-16 ta' Mejju 1941 u residenti l-Kanada) detentur tal-passaport Kanadiz HB 240154;**

**(3) George Grech (imwieled Qormi fid-29 t'Awwissu 1942 u residenti l-Awstralja) detentur tal-passaport Awstraljan L6085426 u Victoria Australia Drivers Licence No. 02609919;**

**(4) Carmel Grech (imwieled Qormi fis-7 ta' Lulju 1940, U residenti l-Awstralja) detentur ta' New South Wales Australia Drivers Licence No 5352MD**

**(5) Giswarda Grech (I.D. 983650M)**

**(6) Joseph Grech (I.D. 79248M)**

**(7) Nazzareno Grech (I.D. 983750M)**

**(8) Maria Dolores Lauria (I.D. 811847M)**

**(9) Teresa Camilleri (I.D. 696552M)**

**(10) Imelda Cauchi (I.D. 57255M)**

**(11) Mary Frances Camilleri (I.D. 834646M)**

**(12) DL Imports Co. Ltd (C 82127)**

**vs.**

**Avukat Dr. Charmaine Cherrett u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello, li b'digriet tal-21 ta' Frar 2020, gew nominati bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eredi mhux maghrufa ta' Antonia Gatt (I.D. 883744M) li mietet fit-2 ta' Novembru 2017**

## Il-Qorti:

Rat ir-**rikors ġuramentat tal-atturi** ppreżentat fit-28 t'Ottubru, 2019 li permezz tiegħu ippremettew u talbu is-segwenti:

(1) Illi l-ewwel ħdax (11) mir-rikorrenti flimkien huma sidien għal ħdax-il sehem minn tnax (11/12) (**sehem minn tnax (1/12 kull wieħed**) indiviżi tad-dar flimkien mal-arja tagħha bin-numru tliet mija u ħamsa u ħamsin (355) ġja tliet mija u tlieta u tletin (333) bl-isem 'St David', Triq Ħaż-Żabbar, Fgura, kif soġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' ħames Ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€5.24) altrimenti liberu u franka bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha;

(2) Illi r-rimanenti sehem wieħed indiviż minn tnax (1/12) jappartjeni lill-eredi mhux magħrufa ta' oħthom Antonja Gatt, li mietet fit-2 ta' Novembru 2017 (kopja taċ-ċertifikati tat-twelid u tal-mewt mehmuża bħala '**Dok.A**' u '**Dok.B**' rispettivament. Kif jidher miċ-ċertifikat tal-mewt,

Antonja Gatt hija indikata bħala 'mart Salvu Gatt'. Kull ma jafu l-esponenti hija li oħthom kienet iżżewġet lil Salvu Gatt fit-3 ta' Lulju 1966 ('ċertifikat taż-żwieġ mehmuż bħala '**Dok. C**'), u emigrat lejn l-Istati Uniti, iżda wara ftit xhur oħthom ġiet lura Malta waħedha u hi u Salvu Gatt baqgħu separati '*de facto*', hi f'Malta, u żewġha fl-Istati Uniti. Minn dakinhar Antonja Gatt dejjem għexet mal-ġenituri tagħha sakemm mietu, u ma' oħtha xebba, r-rikorrenti Giswarda Grech, fl-indirizz 122, Triq San Sebastjan, Qormi;

(3) Illi kif jirriżulta mir-riċerki testamentarji mehmuża ('**Dok. D**') Antonja Gatt mietet intestata, u b'hekk skond l-Art.810 tal-Kap 16 l-eredi tagħha huwa l-istess Salvu Gatt. L-esponenti m'għandhom ebda indikazzjoni jekk l-imsemmi Salvu Gatt għadux ħaj jew inkella għandux xi eredi jew qraba jew familjari oħrajn kemm f'Malta kif ukoll fl-Istati Uniti;

(4) Illi l-ewwel ħdax (11) mir-rikorrenti u oħthom il-mejta Antonja Gatt, ilhom fi stat ta' ko-proprjeta' bejniethom sa mill-mewt ta' missierhom Giuseppe Grech li miet fil-31 ta' Lulju 2005 u ommhom Carmela Grech neé Agius li mietet fid-29 t'April 2008, u b'hekk ilhom aktar minn tliet (3) snin fi stat ta' ko-proprjeta' (kopji tad-dikjarazzjonijiet 'causa mortis' mehmuża '**Dok. E**' u '**Dok. F**';

(5) Illi fit-23 ta' Novembru 2018 l-ewwel ħdax (11) mir-rikorrentii resqu fuq konvenju (Nutar Claire Camilleri), hekk kif emendat u estiż ulterjorment, bil-validita' tiegħu imġedda sal-31 ta' Diċembru 2019, fejn wegħdu li jbiegħu il-fond fuq imsemmi lit-tnax (12) -il rikorrenti, il-kumpannija DL Imports Co Ltd (C 82127) bil-prezz ta' mija u sebgħin elf Euro (€ 170,000) u skond it-termini u l-kundizzjonijiet kollha indikati fl-istess konvenju u l-estensjoni relattiva; (kopji mehmuża bħala '**Dok. G**');

(6) Illi l-bejgħ huwa prospettat li jsir bil-prezz ta' kif jirriżulta mill-istess konvenju, b'kull wieħed u waħda mill-ewwel ħdax (11) ir-rikorrenti, u l-intimati, jieħdu sehem wieħed minn tnax (1/12) mir-rikavat tal-bejgħ;

(7) Illi l-bejgħ ma jistax isir mingħajr ir-rappreżentanza tas-sehem li jispetta lill-eredi ta' oħthom Antonia Gatt. B'hekk kif anke' stipulat fil-konvenju tal-25 ta' Novembru 2018, l-esponenti kienu kostretti jirrikorru għal dawn il-proċeduri sabiex din l-Onorabbli Qorti tawtorizza l-bejgħ tal-ishma kollha tal-proprjeta' fuq imsemmija lil DL Imports Co Ltd. Għal dan l-iskop hawn mehmuża wkoll dikjarazzjoni ġuramentata tal-24 t'April 2019, a tenur tal-Art. 495A(2) tal-Kodiċi Ċivili, mehmuża bħala '**Dok. H**'.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna:

1. Tawtorizza l-bejgħ tad-dar flimkien mal-arja tagħha bin-numru tliet mija u ħamsa u ħamsin (355) ġja tliet mija u tlieta u tletin (333) bl-isem 'St David', Triq Ħaż-Żabbar, Fgura, kif soġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' ħames Ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€5.24) altrimenti liberu u franka bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha; a tenur tal-Artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili a favur tal-kumpannija DL Imports Co Ltd (C 82127), bil-prezz ta' mija u sebgħin elf Euro (€ 170,000) skond il-pattijiet u l-kundizzjonijiet elenkati fil-konvenju tat-23 ta' Novembru 2018, hekk kif estiż ulterjorment (Dok. G), u d-dikjarazzjoni ġuramentata (Dok. H);

2. Tordna li l-kuntratt ta' bejgħ jiġi ppubblikat min-Nutar Pubbliku Claire Camilleri fil-ħin, jum u post li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiffissa;

3. Tawtorizza l-kuraturi deputati maħtura sabiex jirrappreżentaw lill-eredi mhux magħrufa ta' Antonja Gatt sabiex jidhru fuq l-att finali ta' trasferiment tal-proprjeta' fuq imsemmija, jirċievu l-prezz, iħallsu t-taxxa relattiva, u jiddepożitaw ir-rikavat, wara li anke' jitnaqqsu d-drittijiet tagħha, taħt l-awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti, u jagħmlu dak kollu meħtieġ sabiex ikun jista' jseħħ il-bejgħ relattiv;

4. Tagħti kull ordni u direttiva oħra li jidhrulha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati, inkluż l-ispejjeż ta' din il-kawża, l-ispejjeż kollha anċillari, kollox kontra l-intimati, li huma minn issa nġunti in subizzjoni.

Rat ir-**risposta ġuramentata tal-Avukat Dr Charmaine Cherrett u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello**, kuraturi deputati ghal eredi mhux maghrufa ta' Antonja Gatt pprezentata fl-10 ta' Marzu 2020 fejn jinghad kif gej:

1. Illi l-esponenti ghadhom ma humiex edotti mill-fatti;

2. Illi l-esponenti jirriservaw li jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri jekk kemm -il darba l-esponenti jirnexxilhom ikunu edotti mill-fatti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat illi fit-12 ta' Marzu 2020 ġie nominat il-Perit David Pace bħala espert tekniku sabiex jagħmel valutazzjoni tal-fond 355 ġia 333, bl-isem St. David, Triq Ħaż Żabbar, Fgura;

Rat ir-rapport peritali ippreżentat fis-7 ta' Settembru 2020[1];

Rat il-mistoqsijiet in eskussjoni li saru mill-atturi[2] kif ukoll it-tweġibiet għall-istess mistoqsijiet[3];

[1] Paġna 146 et seq tal-proċess.
[2] Paġna 155 et seq tal-proċess.
[3] Paġna 155 et se

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għal sentenza.

Ikkunsidrat,

L-atturi kollha, eccetto s-soċjetà attriċi DL Imports Co Ltd, għandhom sehem minn tnax (1/12) kull wieħed indiviż mid-dar u l-arja tal-fond 355, ġia 333, St. David, Triq Ħaż Żabbar, Fgura b'ċens annwu u perpetru ta' ħames Ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€5.24). Is-sehem minn tnax l-ieħor huwa ta' oħthom Antonia Galea miżżewġa lil Salvu Gatt, emigrat l-Istat Uniti iżda ġiet lura u baqgħet Malta separata *de facto* minn ma' żewġha. Antonia Galea mietet intestata fit-2 ta' Novembru 2017. Skont l-Artikolu 810 tal-Kodiċi Ċivili, l-eredi tagħha huwa żewġha iżda ħutha l-atturi m'għandhomx indikazzjoni jekk hux ħaj jew jekk għandux xi eredi barra jew Malta.

L-aħwa ilhom fi stat ta' ko-proprjetarji mill-31 ta' Lulju 2005 minn meta miet missierhom Giuseppe Grech u ommhom Carmela Grech fid-29 t'April 2008. Fit-23 ta' Novembru 2018 l-atturi kollha resqu fuq konvenju quddiem in-Nutar Dr. Claire Camilleri kif emendat u imġedded sat-30 ta' Marzu 2021 għall-bejgħ tal-fond mertu tal-kawża għal valur ta' mija u sebgħin elf ewro (€170,000).

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti tqis li s-soċjetà attriċi DL Imports Co. Ltd, sal-lum m'għandhom l-ebda sehem fil-proprjetà 355, St. David, Triq Ħaż Żabbar, Fgura. Din hija biss l-akkwirenti prospettiva tal-proprjetà imsemmija. Fir-realtà l-proċedura li ssir taħt l-Artikolu 495A għandha tkun bejn il-ko-propjetarji. Il-presenza tagħha ma jidhirx li ser tagħti lok ta' spejjeż ġudizzjarji żejda in kwantu li ġie ppreżentat att wieħed u l-atturi qegħdin jiġu assisti mill-istess avukat. Din il-Qorti tifhem ukoll li wieħed jista' jargumenta li din is-soċjetà għandha interess f'dan il-proċess bħala l-

akkwirenti prospettivi għaldaqstant għalkemm il-preżenza tagħhom ma kinitx meħtieġa ma ġie kkawżat l-ebda preġudizzju lil ebda parti.

Ikkunsidrat;

**L-Ewwel sub-artikolu tal-Artikolu 495A tal-Kodiċi** Ċivili jipprovdi segwenti:

> "(1) Salv meta jkun hemm kondominju jew stat ta'indiviżjoni forzata, meta xi ħaġa tkun inżammet in komun għal iżjed minn tliet snin u ħadd mis-sidien ma jkun beda azzjoni quddiem xi qorti jew tribunal ieħor għall-qsim tal-proprjetà li tkun qed tinżamm in komun, u l-komproprjetarji jonqsu milli jiftiehmu dwar il-bejgħ ta' xi proprjetà partikolari bejniethom, il-qorti għandha, jekk tkun sodisfatta li ħadd mill-komproprjetarji dissidenti ma jkun gravament preġudikat b'dak li tordna, tawtorizza l-bejgħ skont ma jkun jixtieq l-akbar għadd ta' komproprjetarji fil-qies tal-valur tal-ishma li kull komproprjetarju jkollu."

L-istess Artikolu jkompli billi jiddelinja r-rekwiziti li ghandhom jigu sodisfatti mal-prezentata tar-rikors:

> "(2) It-talba lill-qorti għandha **ssir permezz ta' rikors** li miegħu jkun hemm annessa **dikjarazzjoni tas-sidien fejn jaqblu li jsir il-bejgħ** kif ukoll **prospett li jkun juri l-għadd u l-valur tal-ishma** li kull wieħed minnhom ikollu kif ukoll **il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li taħthom ikun ser isir il-bejgħ**. Fir-rikors għandha tiġi indikata wkoll id-data meta l-ħwejjeġ ikunu ġew in komun u ċ-ċirkostanzi relattivi.
>
> [...]
>
> (4) Dikjarazzjoni li xi komproprjetarju minnhom ma jkunx magħruf jew ma jkunx jista' jinstab għandha tiġi konfermata bil-ġurament minn wieħed mir-rikorrenti."

B’mod ġenerali, l-għan ta’ dan l-artikolu kien intiż biex jiffaċilita t-trasferiment ta’ proprjetà fl-intier tagħha meta jkun hemm propjetarji ta’ minoranza ta’ ishma li għal raġuni jew oħra ma jridux jew ma jistgħux jersqu għat-trasferiment tal-intier tal-proprjetà in komun.

Għalkemm din il-liġi tista’ tiġi interpretata bħala bejgħ furzat għar-rigward tal-minoranza dissendenti, huwa d-dover tal-Qorti li tara u tassigura li ma jsirx abbuż u/jew sfruttament u li l-minoranza ma tbagħti ebda preġudizzju. Għalhekk, kif ingħad fis-sentenza mogħtija fis-6 ta’ Frar 2017 mill-Prim’Awla diversament preseduta fl-ismijiet **Josephine Grech pro et noe vs. George Joseph Parnis** (Rik Ġur 168/16 LM)[4]:

> “l-artikolu 495A tal-Kap 16 huwa eżemplari eċċelenti ta’ dan il-kompromess. Propjetà li titħalla mhux maqsuma għal iktar minn għaxar snin [Jew ghal tlett snin fil-każ ta’ wirt li jigi fis-sehh wara l-1 ta’ April, 2016], li huwa diġa perjodu twil ħafna, tista’ tinbiegħ mill-komproprjetarji li jkollhom il-maġġoranza tal-ishma b’kundizzjoni waħda suprema: li l-komproprjetarji dissidenti ma jkunux gravement ppreġudikati. Għalhekk mhux bizzejjed li jigu ppreġudikati, imma jinħtieg li jkunu gravament ippreġudikati. Hawn il-leġislatur qed jagħmilha ċara li anke jekk il-kundizzjonijiet tal-bejgħ ma jkunux ottimali, jew l-aħjar li jistgħu jingiebu fis-suq, xorta waħda l-bejgħ irid isir; il-linja trid tinqata’ u tinqata’ malajr. Altrimenti jiġi mminat l-iskop kollu tal-precitat artikolu 495A tal-Kap 12.”

Jgħodd ukoll dak li rreteniet il-Qorti tal-Appell Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Nutar Richard Vella Laurenti et vs John Vella Laurenti et** (Rik. Ġur. Nru 956/15 LM) deċiża fis-27 ta’ Jannar 2017:-

> ‘Meta l-ligi fl-artikolu msemmi ssemmi l-kelma pregudizzju tinftiehem li dan irid ikun gravi – b’tali mod li l-bejgh eventwali tal-

[4] Ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-27 t’Ottubru 2017. Ara wkoll **Shirley Cardona et vs. Victor Bonanno (**Rik Nru 600/15LM) deċiża mill-Prim’Awla fl-4 t’April 2016.

propjeta' in kwistjoni jkun biex wieħed juza terminu bl-ingliz " manuifestly unfair" ghad-dissident.'

Ikkunsidrat;

**L-Artikolu 495A (2)** jelenka d-dokumenti li għandhom jiġu annessi mar-rikors promotur:

a) dikjarazzjoni tas-sidien fejn jaqblu li jsir il-bejgħ;
b) prospett li jkun juri l-għadd u l-valur tal-ishma li kull wieħed minnhom ikollu; u
c) il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li taħthom ikun ser isir il-bejgħ.

L-atturi f'din il-kawża ppreżentaw kemm id-dikjarazzjoni tas-sidien li jaqblu li jsir il-bejgħ[5], f'liema dikjarazzjoni ukoll hemm il-prospett li juri l-għadd u l-valur tal-ishma li kull wieħed għandu, kif ukoll il-pattijiet u l-kundizzjonijiet bis-saħħa tal-preżentata tal-konvenju[6]. Għalkemm il-liġi ma titlobx il-prova *ad validitatem* tal-provenjenza, l-atturi ippreżentaw il-*causa mortis* ta' missierhom Giuseppe Grech[7] kif ukoll ta' ommhom Carmela Grech[8].

Ai termini tal-**Artikolu 495A (4)** f'każ li wieħed mill-komproprjetarji ma jkunx magħruf jew ma jkunx jista' jinstab għandha tiġi konfermata bil-ġurament minn wieħed mill-atturi. Din fil-fatt saret fir-rikors promotur liema dikjarazzjoni ġiet maħlufa mill-attur William Grech u għalhekk dan ir-rekwiżit huwa sodisfatt ukoll.

Ikkunsidrat;

Jonqos għalhekk jiġi meqjus jekk din il-Qorti hijiex sodisfatta li ħadd mill-komproprjetarji dissidenti ma jkun gravament preġudikat jekk jiġi ordnat

[5] Paġna 37 et seq tal-proċess.
[6] Paġna 29 et seq tal-proċess.
[7] Paġna 15 et seq tal-proċess.
[8] Paġna 21 et seq tal-proċess.

il-bejgħ. Ai termini tal-Artikolu 495A dak li jeħtieġ li tassikura din il-Qorti huwa li l-prezz tal-bejgħ ikun vantaġġuż għall-partijiet kollha, kemm dawk li jkunu jridu jbiegħu, kif ukoll għal dawk li ma jkunux iridu (fil-każ li jkun hemm oppożizzjoni minn dawn tal-aħħar) jew għal dawk il-ko-propjetarji li ma jkunux magħrufa jew jekk magħrufa ma jistgħux jiġu ntraċċati (kif inhu l-każ tal-lum).

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Ottubru 2018 fl-ismijiet **Helen Zammit et vs. Madeleine Muscat** (Rik Ġur 327/16) kellha dan xi tgħid fir-rigward tal-Artikolu 495A tal-Kapitolu 16 :

> "Madankollu, biex Qorti tiddeċiedi jekk tilqax jew le talba għall-bejgħ ma huwiex biżżejjed li l-parti intimata tressaq stejjem li juru differenza fil-valur tal-proprjeta' fejn id-differenza fil-valur bejn il-prezz miftiehem u l-valur fl-istima tkun relattivament żgħira. Kif ingħad, l-iskop tal-artikolu 495A mhuwiex biex jiġi assigurat bi preċiżjoni l-valur tal-proprjeta' fis-suq, imma li tara li l-bejgħ isir bi prezz xieraq li ma jġib ħsara lill-ebda proprjetarju;"

Ir-rikorrenti sabu bejgħ ta' dan il-fond għas-somma ta' mija u sebgħin elf ewro (€170,000). Fir-risposta tagħhom il-kuraturi deputati ma kkuntestawx dan il-valur. Kienu l-atturi li talbu lill-Qorti taħtar Perit tekniku sabiex jagħmel valutazzjoni tal-fond 355, St. David, Triq Ħaż Żabbar, Fgura. Il-Qorti laqgħet it-talba u ħatret lill-Perit Tekniku David Pace.

Il-Perit David Pace żamm aċċess fl-1 ta' Lulju 2020 fil-fond mertu tal-kawża. Fir-rapport tiegħu huwa iddeskriva l-proprjetà bħala *maisonette* fil-livell tal-ewwel sular, sovrapost għall-proprjetà ta' terzi fil-livell tal-pjan terran u li jinstab f'kantuniera bejn Triq Ħaż Żabbar u Triq San Pietru li għandu arja ta' madwar 94 metru kwadru. L-għola żvilupp permissibbli huwa ta' tlett sulari u għalhekk jista' jkun possibbli li jiżdied sular ieħor f'każ ta' żvilupp mill-ġdid tal-proprjetà. Il-Perit wasal għall-konklużjoni li "wara illi qies il-fatturi kollha rilevanti, inkluż id-daqs u lokazzjoni tal-fond, w iż-żminijiet tal-lum, l-esponent jidhirlu illi il-valur tal-fond illum,

bħala liberu u frank minn kwalunkwe servitu, fuq is-suq ħieles huwa ta' €320,000."[9] Fit-tweġibiet għal mistoqsijiet in eskussjoni l-Perit spjega li l-valur ta' €320,000 wasal għalih billi ikkalkula fuq prezz ta' madwar €250,000 bħala medja ta' proprjetà simili fiż-żona, b'żieda ta' 30% minħabba l-potenzjal ta' żvilupp kif ukoll il-pożizzjoni f'kantuniera fit-triq ewlenija tal-Fgura karatterizzata minn taħlita ta' żvilupp residenzjali u kummerċjali.

Id-differenza fil-prezz hija għalhekk ta' mija u ħamsin elf ewro (€150,000), differenza li hija kbira wisq sabiex din il-Qorti tkun tista' tikkunsidra l-prezz offrut mis-soċjetà attriċi DL Imports Ltd bħala ġust u xieraq. Jekk il-Qorti tilqa' t-talbiet tal-atturi kif dedotti dan iwassal għall-preġudizzju fir-rigward ta' sehem il-konvenuti peress li skond ir-rapport peritali il-valur ta' sehem il-konvenuti huwa ta' tnax-il elf u ħames mitt ewro (€12,500) aktar minn dak indikat fil-konvenju.

Din il-Qorti hija tal-fehma li dan id-distakk ser jikkreja preġudizzju serju lil minoranza u għaldaqstant wieħed mir-rekwiżiti sanċiti taħt l-Artikolu 495A m'huwiex sodisfatt.

Il-Qorti pero' qieset dak dikjarat mill-Avukat tal-atturi waqt l-udjenza tat-12 ta' Jannar 2021 fejn iddikajra illi l-atturi qed jikkonsidraw illi fil-bejgħ eventwali s-sehem spettanti lill-eredi mhux magħrufa ta' Antonia Gatt jiġi jkun skond il-valur indikat fir-rapport peritali.

Il-Qorti għalhekk sejra tawtorizza l-bejgħ bil-kondizzjoni illi sehem il-konvenuti jiġi kkalkolat skond ir-rapport peritali u mhux skond dak indikat fil-konvenju.

[9] Paġna 150A tal-proċess.

**Decide**

Għar-raġunijiet fuq mogħtija din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi prevja li tiddisponi mir-risposta tal-kuraturi deputati;

1. Tiċħad it-talba attriċi kif dedotta u minflok tawtorizza l-bejgħ tal-immobbli mertu ta' dawn il-proċeduri bil-kondizzjoni illi sehem il-konvenuti jiġi kalkolat skond ir-rapport peritali fuq imsemmi;
2. Tilqa' t-tieni talba skond dak deċiż fl-ewwel paragrafu u tiffissa l-jum tal-Ġimgħa 23 ta' April 2021 fl-4.00 p.m. fl-uffiċju tan-Nutar Dr Claire Camilleri.
3. Tilqa' parzjalment it-tielet talba b'dan illi l-ispejjeż tal-kuraturi depuati għandhom iħallsuhom l-atturi u mhux jitnaqqsu mir-rikavat spettanti lill-konvenuti.

Bl-ispejjeż a karigu tal-atturi.

**Moqrija**.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
30 ta' Marzu 2021

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**